# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA BONIFACJU IX   ( 1389 – 1404)

F'dawk iz-zminijiet il-knisja ta' Kristu kienet tinsab f'tahwid kbir. Hafna kienu f'dubji kbar ma' min kienu ser juru l-leata' taghhom, lil min kienu ser jobdu. Kull papa elett kien jghid li huwa l-vigarju awtentiku ta' Kristu u kien jiskomunika lil iehor u dawk li kienu jimxu warajh. Il-papiet kienu bla sahha biex jinsistu fuq ir-riforma jew jiggieldu l-vjolazzjonijiet ta' l-istat kontra l-knisja.




Meta Urbanu VI miet, xeghlet it-tama li din il-firda fil-knisja ser tara tmiemha. Imma billi Klement VII gewwa Avignon ma wera' ebda inklinazzjoni li jabdika, il-

kardinali li kienu fuq in-naha ta' Urbanu ghazlu liz-zaghzugh Pietro Tomacelli li ha l-isem ta' Bonifacju IX.

Kien naplitan fqir, imma minn familja nobbli. Kien Urbanu li hatru kardinal u issa ta' 33 sena huwa assuma t-tmexxija tal-knisja fi zmien kritiku hafna. Kellu reputazzjoni ta' diplomatiku gharef u abbli, aktar milli skular. Kien wkoll bniedem li kien juri hbiberija ma' kulhadd. Ghamel hafna biex isewwi l-hsara li wettaq Urbanu VI. Imma ma rnexxilux li jgib fi tmiemha x-xizma.



Klement l-anti papa skomunika lil Bonifacju u Bonifacju ghamel l-istess ma' Klement. Huwa pprova jinnegozja ma' Klement imma minghajr rizultat. Fegget it-tama li tista' ssir il-paci mal-mewt ta' Klement fis-sena 1394. L-Universita' ta' Parigi, sahansitra anke ir-re Franciz heggew lill-kardinali ta' Avignon biex isibu soluzzjoni ghal din il-problema. Imma anqas dawn l-isforzi ma'

gabu frott. Il-kardinali ta' Avignon ghagglu, laqqghu konklavi u ghazlu lil ispanjol Pedro de Luna li ha l-isem ta' Benedittu XIII.

Bonifacju hass li l-posizzjoni tieghu kienet bla sahha. Kellu ta' bilfors jittollera li l-istat jindahal fid-drittijiet tieghu. L-abbuzi ma setghax jikkontrollhom. U l-abbuzi taht il-pontifikat tieghu flok naqsu zdiedu. It-tassazzjoni tal-Papa li ma kienitx popolari, zdiedet. Biex idahhal flus aktar halli jmexxi l-kurja tieghu, Bonifacju uza mezzi dubbjuzi. Kien taht il-pontifikat tieghu li l-flus u l-indulgenzi bdew ikollhom relazzjoni, wiehed ma' l-iehor, jithaltu flimkien, haga li kienet skandlu ghal hafna. Madankollu Bonifacju qatt ma ried il-flus ghalih.

Fl-isfera politika Bonifacju ghamel rebha fuq Klement VII meta Ladislaw, il-kandidat tieghu ghat-tron ta' Napli, kecca' lil Lwigi ta' Anjou, il-favorit tal-papa ta' Avignon.

Il-posizzjoni ta' Benedittu kienet aghar minn ta' Bonifacju, ghaliex il-Francizi, irrabjati ghar-ras iebsa tieghu, iritraw l-ubbidjenza taghhom ghal xi snin.

Bonifacju ghamel li seta' biex jghin lil Imperu fil-Lvant li kien qed jaqa' taht il-qawwa ta' l-ottoman Bajazet. Huwa wkoll ikkanonizza lil mistika Brigit ta' l-Isvezja.

Fis-sena 1404 Benedittu baghat ambaxxat lil Bonifacju, imma ma hareg ebda rizultat. U ftit wara Bonifacju IX miet tormentat mill-gebla.